MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1708/2005

**Giuseppe Gauci**
**vs**
**Asfaltar Limited**

Numru
Talba Numru 1708/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ elf u tmienja u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm1038.54) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura ta’ tip Peugoet b’numru ta’ registrazzjoni JTY 108 propjeta ta’ l-attur bhala konsegwenza ta’ xogholijiet li kienu qed isiru mis-socjeta konvenuta fi Triq il-Mediterran il-Belt Valletta b’l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha cahdet r-responsabbilta ghall-incident stante li l-hsarat li

garrbet il-vettura msemmija ma kenitx kawzata minn xi negligenza, traskuragni jew imperizja da parti taghha; in ogni caso d-danni reklamati huma ecessivi.

Ra x-xhieda ta' Jurgen Gauci, Mario Vella, Kenneth Psaila, Giuseppi Gauci, Mark Cauchi, l-PC 919 Joseph Ferriggi, u l-perit Sandra Vassallo.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Din hija kawza ghad-danni sofferti mill-attur fil-vettura propjeta tieghu b'munru ta' registrazzjoni JTY 108 li fil-mument ta' l-incident kienet misjuqa minn ibnu Jurgen Gauci. L-incident sehh f'l-24 ta Jannar 2005 ghall-habta tal-11.30pm, meta Jurgen Gauci kien qed isuq f' Triq il-Mediterran il-Belt, fejn kienu qeghed isiru xogholijiet ta' *road resurfacing* mis-socjeta konvenuta, u laqat tappira tal-mettal mal-parti ta' taht tal-vettura. Din it-tappira kienet ghola mill-livell tat-triq xi ghaxar centimetri peress li l-incident sehh f'mument meta it-triq kienet diga kienet mqaxxra u kienet lesta ghar-*resurfacing*.

Il-fatti principali tal-kaz jirrizultaw ampjament u fil-maggoranza taghha huma ammessi; dawn huma s-segwenti:

- Kien qed isir xoghol ta' *resurfacing* fi Triq il-Mediterran il-Belt mis-socjeta konvenuta.
- Dak in-nhar ta' l-incident ix-xoghol kien avvjat sew fis-sens li dik il-parti tat-triq li kellha tigi *resurfaced* kienet gia mqaxxra; fil-parti tat-triq li kienet mqaxxra kien hemm tappiri lesti ppustjati ghal meta jsir is-*surfacing*.
- It-tappiri huma tal-mettal u ta' gholi ta' ghaxar centimetri.
- It-triq kient miftuha ghat-traffiku.

L-incident sehh meta Jurgen Gauci mar jigbor xi nies li kienu qeghdin ic-Centru tal-Mediterran ghall-Konferenzi

(il-vettura tintuza bhala taxi) u ftit wara li beda jsuq hass skoss u l-vettura waqfet. Li kien gara skond hu, hu li kien laqat wahda minn dawn it-tappiri u din ghamlet hsara fil-parti ta’ taht tal-karozza. Jurgen Gauci jghid ukoll li b’l-impatt anke s-*seat belts* garrbu hsarat. Skond Gauci fit-triq ma kienx hemm sinjali jew dwal fil-vicinanzi tal-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet; skond hu l-uniku dawl li kien hemm kien dak tat-triq. Jurgen Gauci jammetti li xi ftit xhur qabel kellu incident iehor b’l-istess vettura.

Min-naha taghha s-socjeta attrici, li tghid li hija mhiex responsabbli ghall-hsarat mgarrba mill-attur, tghid li meta johrog il-permess biex jaghmlu x-xogholijiet ikun hemm imposti diversi kundizzjonijiet inkluz dawk li jhallu certu tip ta’ dawl u li jpoggu sinjali. Il-*project manager* inkarigata minn dan ix-xoghol, il-Perit Sandra Vassallo (li xedhet in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta), tghid li hija kienet tmur ta’ lanqas darba kuljum fil-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet.

F’dan l-istadju t-Tribunal ihoss li jkun opportun li jirrimarka dwar certi kontradizzjonijiet u inezattezzi fix-xhiedha mghotija. Hawn it-Tribunal qed jirreferi ghas-segwenti fatti:

- Il-perit Sandra Vassallo, *project manager* inkarigata mix-xogholijiet in kwistjoni, in ri-ezami affermat li t-tappiri li hija kienet qed tirrispondi dwarhom in kontro-ezami kienu tal-plastik u li din it-tip ta’ tappira mhux supost li taghmel hsara f’karozza jekk tghaddi fuqha (ara fol 66). L-istess persuna Sandra Vassallo, meta t-tappira in kwistjoni ngabghet il-Qorti mill-attur biex tintwera lit-Tribunal, qalet li t-tappiri in kwistjoni huma tal-mettal.
- Mark Cauchi l-*mechanic* li ghamel ix-xoghol ta’ tiswija fil-vettura rrilaxxja ricevuta minghajr data u li m’ hi intestata lil hadd. Originarjament kienet tirreferi ghal “*parts and labour*” pero wara giet irrangata biex il-kelma *parts* giet ingassata u minflokha zdiedu zewg kelmiet ohra. Din l-irecvuta hija ghall-ammont ta’ Lm146 (ref Dok GG12 a fol 29). Dan Cauchi jghid li ma kienx hu li ingassa l-kelma *parts* u li fil-fatt kien hemm xi *parts* li kellu bzonn li xtara hu stess (ref xhieda tighu a fol 49). Meta Cauchi rega’ xehed ta versjoni kompletament differenti u qal li l-*parts* gabhom kollha Jurgen Gauci u li l-hlas ta’ Lm146 kien

jirraprezenta biss *labour*. Pero l-ircevuta li kien hareg hu kienet tghid *parts and labour* u ma kienx hu li ngassa l-kelma *parts.*

- Ix-xogholijiet li saru minn dan Cauchi saru f'Jannar/Frar tas-sena 2005 kwazi immedjatament wara l-incident. Ix-xoghol fis-*seatbelts* sar minn Michael Attard Limited u dan fid-9 ta' Marzu 2005 (ara Dok GG 15 afol 32). L-ircevuta rilaxxjata minn din s-socjeta ghall-*parts* l-ohra allegatament uzati fir-riparazzjonijiet li saru fil-karrozza minn Cauchi f' Jannar/Frar huma datati 9 ta' Marzu 2005 u 14 ta' Marzu 2005 (ara Doks GG 14 u 13 rispettivament).

Tenut kont ta' dawn l-fatti b'mod partikolari u l-mod generali kif xehdu il-persuni fuq imsemmija t-Tribunal jhoss li ma jistax jghati affidament lil dak kollu li ntqal. Pero t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubbju fuq certi fatti u cioe li Jurgen Gauci kien qed isuq fi Triq il-Mediterran meta kenu qed isiru x-xogholijiet u li l-vettura misjuqa minnu garrbet hsarat minhabba li t-tappira habtet mal-parti ta' taht tal-karozza.

Lanqas ghandu dubbju li s-socjeta konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-hsarat li soffra l-attur u dan ghaliex fil-fehma tat-Tribunal (u anke tenut kont tal-mod kif xehdet il-Perit Vassallo) ma ngabet l-ebda prova konkreta li l-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet kien verament mdawwal kif suppost u li kien hemm sinjali adegwati mhux biss li jindikaw li kien hemm xogholijiet ghaddejjin imma anke li fil-parti tat-triq li fiha seta' jitranzista t-traffiku kien hemm it-tappiri li setaw kienu ta' periklu ghall-vetturi.

It-Tribunal minn naha l-ohra ghandu dubbji dwar l-estensjoni tal-hsarat mgarrba b'mod partikolari ghal dak li jirreferi ghas-*seatbelts,* kif wkoll dwar il-kwantum reklamat mill-attur minhabba li t-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jistrih ghall-ahhar fuq id-dokumenti esebieti.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jillikwida l-ammont ta' danni li ghandu jithallas lill-attur fis-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltija (Lm670).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa’ t-talbiet attrici limitatament kif fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u sebghin lira Maltija (Lm670) b’l-imghax mil-llum u b’l-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------